**Dispożittiv**

1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta’ Diċembru 2020, Universität Bremen vs REA (T-660/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:633), huwa annullat.

2) Il-Kawża T-660/19 għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

(1) ĠU C 182, 10.05.2021.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-19 ta’ Mejju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari ta’ notario del Ilustre Colegio Notarial de Andalucía – Spanja) – Frontera Capital SARL**

**(Kawża C-722/21)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 267 TFUE – Nutar – Kunċett ta’ “qorti jew tribunal” – Kriterji – Assenza ta’ tilwima quddiem l-organu tar-rinviju – Inammissibbiltà manifesta)***

(2022/C 340/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Notario del Ilustre Colegio Notarial de Andalucía

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Frontera Capital SARL

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn notario del Ilustre Colegio Notarial de Andalucía (nutar li jagħmel parti mill-Kulleġġ Nutarili ta’ Andalucía, Spanja), permezz ta’ deċiżjoni tal-25 ta’ Novembru 2021, hija manifestament inammissibbli.

(1) Data tal-preżentata: 25.11.2021.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tal-14 ta’ Lulju 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzgericht – l-Awstrija) – CM vs Finanzamt Österreich**

**(Kawża C-25/22)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Rekwiżit li jiġu indikati r-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità għal risposta għad-domandi magħmula – Assenza ta’ informazzjoni suffiċjenti – Inammissibbiltà manifesta)***

(2022/C 340/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* CM

*Konvenut:* Finanzamt Österreich